MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 832/2006/1

**Dieter Achtelstetter**

**v.**

**M/V Gran Michelangelo**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'rikors guramentatipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Settembru, 2006, l-attur ippremetta illi huwa sid tal-yacht Ocean Lady irregistrat gewwa Hamburg il-Germanja; illi fl-14 ta' Dicembru 2005 meta l-

Ocean Lady kienet sorguta fuq *berth* gewwa Marsaxlokk, sehhet kollizjoni wara illi waqt maltempata l-bastiment tas-sajd Gran Michelangelo nqatghulu c-cimi tieghu u dan tkaxkar ghal fuq il-bastiment Capitan San Marco proprjeta` ta' cittadin Belgjan residenti hawn Malta Fred Fremal u dawn iz-zewg bastimenti spiccaw jistriehu fuq l-Ocean Lady; illi bhala konsegwenza ta' din il-kollizjoni l-Ocean Lady tista' titqies bhala 'total loss' u dan minhabba l-fatt illi l-prezz sabiex isiru it-tiswijiet lil istess Ocean Lady jeccedi il-valur taghha (ara pagna 6 ta' survey report anness bhala Dok 'A'); illi huwa stmat li l-valur ta' l-Ocean Lady qabel il-kollizjoni kien dak ta' bejn ghaxart elef lira Maltija (LM10,000) u tnax-il elf lira Maltija (LM12,000) (u dan kif muri fis-survey report anness bhala Dok A); illi l-incident sehh unikament b'tort u responsabilita` ta' M/V Gran Michelangelo kif jigi spjegat u ppruvat fil-mori ta' din il-kawza; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

"1. Tiddikjara illi l-incident li fih tkissret l-Ocean Lady sehh unikament b'tort u responsabilita` ta' M/V Gran Michelangelo;

"2. tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti (attur) konsistenti fil-valur ta' l-Ocean Lady qabel l-incident jew somma ohra illi dina l-Qorti jidrilha xierqa u gusta, u dan jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi; konsegwentement,

"3. tikkundanna lil bastiment intimat ihallas l-ammont likwidat minn din il-Qorti bhala danni sofferti mir-rikorrenti ;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' impediment ta' tluq ta' bastiment (no. 13 25/06) u tal-mandat ta' qbid ezegwiti kontra l-bastiment intimat (no. 13 26/06 JB);"

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-bastiment konvenut li naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa' kontumaci; dik il-Qorti ghalhekk wara li rat ix-xiehda permezz ta' affidavit ta' l-attur; ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza; ghaddiet biex tippronunzja s-sentenza fit-8 ta' Mejju, 2007 inkwantu mill-provi mhux kontradetti t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati u ddecidiet hekk:

“Fil-kontumacja tal-bastiment konvenut tiddeciedi billi tilqa l-ewwel talba ta’ l-attur u tiddikjara li l-incident li fih tkissret l-Ocean Lady sehh unikament b’tort u responsabbilta ta’ M/V Gran Michelangelo. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsistenti fil-valur ta’ l-Ocean Lady qabel l-incident jew somma ohra li din il-Qorti jidhrilha xierqa u gusta fis-somma ta’ ghaxar telef liri Maltin (LM 10,000). Tilqa’ t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-bastiment konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat minn din il-Qorti bhala danni sofferti mill-attur.

”Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-bastiment konvenut.”

**L-appell tal-bastiment konvenut M/V Gran Michelangelo.**

Il-bastiment konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fit-28 ta’ Mejju, 2007 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza imsemmija billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur appellat jew fin-nuqqas ta’ dan, tikkoncedi lill-appellant terminu ghall-prezentata tan-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tieghu u tirrimanda l-kawza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghal kontinwazzjoni skond il-ligi, bl-ispejjez kontra l-attur appellat.

L-attur appellat ipprezenta risposta ghar-rikors tal-konvenut fejn iddikjara li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u li ghalhekk, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell ghandu jigi respint, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant.

**L-aggravji tal-bastiment konvenut appellant.**

Il-bastiment konvenut appellant qed iressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata fejn qed jigi sottomess illi n-notifika tar-rikors promotorju kienet invalida, bil-konsegwenza li l-kontumacja kienet infondata; u, fil-mertu, li t-talba attrici hija infondata billi tonqos il-prova sal-grad rikjest.

**Dwar in-notifika.**

Fir-rikors guramentat ipprezentat fit-12 ta’ Settembru, 2006 ir-rikorrent talab li l-bastiment konvenut jigi notifikat f’Church Wharf, Marsa. Saru diversi tentattivi ta’ notifika permezz tal-Ufficjali tal-Qorti, izda dawn kienu kollha negattivi (ara fol. 21, 22, 23 u 24 tergo). Infatti fit-22 ta’ Settembru, 2006 gie ddikjarat mill-ufficjal ezekuttiv li “*ma nnotifikajtx lil M.V. Gran Michelangelo b’kopja tar-rikors billi meta fit-22.9.06 mort fl-indirizz moghti Marsa, Church Wharf ma kellix access ghall-bahar. Nixtieq izjed direzzjoni …*” Fit-tnax ta’ Ottubru ta’ l-istess sena, sar tentattiv iehor ta’ notifika mill-ufficjal inkarigat izda l-ezitu wkoll kien negattiv billi fir-riferta l-istess ufficjal iddikjara li meta mar fl-indirizz moghti l-Marsa diversi (drabi) “*ma nsibx lil hadd fuq il-Boat.*” F’tentattiv iehor li sar fil-5 ta’ Ottubru 2006 rega’ kien hemm ezitu negattiv billi l-ufficjal inkarigat ddikjara li “*meta mort fuq il-moll ma rajtx M.V. Michelangelo”.* Saru tentattivi ohra fis-17 ta’ Ottubru, 2006 u fit-30 ta’ Novembru, 2006 bl-istess rizultat.
Fit-18 ta’ Dicembru, 2006 gie intavolat rikors mill-attur fejn, filwaqt li l-Qorti ngiebet a konjizzjoni ta’ dak hawn fuq riportat, intalbet li tinghata ordni biex l-avviz relattiv u ir-rikors guramentat jigu notifikati permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi. Din it-talba giet milqugha b’digriet tad-19 ta’ Dicembru 2006 meta l-Qorti ordnat tali notifika ai termini tal-Art. 187(3) tal-Kap. 12.

Mid-dokument a fol. 31 tergo tal-process jirrizulta li fil-15 ta’ Jannar, 2007 saret l-affissjoni mal-ufficcju tal-Kunsill Lokali tal-Marsa kif ukoll mal-Ghassa tal-Pulizija tal-Marsa. Mentri fil-5 ta’ Frar, 2007 saret l-affissjoni f’Church Wharf, il-Marsa. Jirrizulta inoltre li fit-30 ta’ Jannar, 2007 ir-rikors guramentat gie pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll bil-lingwa Ingliza in ottemperanza mal-istess digriet tad-19 ta’ Dicembru, 2006 (ara fol. 33). Finalment minn estratt tal-gazzetta The Malta Indipendent tal-14 ta’ Frar, 2007 jirrizulta li r-rikors imsemmi gie pubblikat kif ordnat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Sussegwentement ghal dawn in-notifiki l-kawza nstemghet fl-udjenzi tas-6 ta’ Marzu, 2007 u tal-21 ta’

Marzu, 2007 meta giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tat-8 ta' Mejju, 2008. Il-konvenut jew rapprezentant tieghu qatt ma deheru quddiem l-ewwel Qorti u l-kawza giet deciza fil-kontumacja tal-bastiment konvenut f'dik id-data fuq il-provi li kienu jinsabu in atti.

Il-bastiment konvenut appellant qed jilmenta mill-mod kif saret in-notifika jew allegata notifika, billi jsostni li din ma kinitx valida stante li ma gewx segwiti d-dettami tal-Artikolu 187(7) (erroneament indikat, fir-rikors tal-appell bhala 187(8)) li jitkellem specifikatament dwar notifiki fil-kaz ta' azzjoni kontra bastiment. Din id-disposizzjoni tipprovdi espressament li:
"*Fil-kaz ta' azzjoni kontra bastiment jew ingenji ohra tal-bahar, in-notifika ssir billi tinghata kopja ta' l-iskrittura lill-kaptan jew lil kull min ikun jqadi dawk id-dmirijiet jew, fin-nuqqas ta' dawk il-persuni, lill-agent tal-bastiment jew ta' ingenji ohra, skond il-kaz, jew fin-nuqqas ta' dawk il-persuni u agent, lil kuraturi li jinhatru mill-qorti skond l-artikolu 929:*"

Jinghad li l-istess subartikolu, kif debitament rilevat mil-konvenut appellant, jkompli jghid:
"*Izda l-Qorti tista' wkoll tuza kull mezz iehor li jidhrilha xieraq sabiex tgharraf lil min ghandu jigi notifikat b'dik l-iskrittura.*"

L-appellant isostni li l-mezz alternattiv ta' notifika msemmi fil-proviso tas-subartikolu in kwistjoni huwa mezz addizzjonali ghal dak espressament provdut mil-ligi u qatt ma jissostitwixxi dak li jinghad fl-istess subartikolu fil-kaz ta' notifika ta' bastiment. Qed jigi sottomess fir-rigward li l-attur naqas meta ma talabx li jigi notifikat Joseph Caruana, Direttur tas-socjeta` Fish and Fish Limited li, skond l-istess attur, hija l-operatrici tal-bastiment konvenut, u daqstant naqas l-attur meta ma ttentax jinnotifika, fl-assenza tal-Kaptan tal-bastiment, lill-agent tieghu meta isem din il-persuna seta' facilment ikun maghruf wara ricerka fir-Registru tal-Awtorita` Marittima.

L-attur appellat cahad dawn is-sottomissjonijiet tal-konvenut billi jsostni li l-istess sub-artikolu (7) tal-Artikolu

187 jipprovdi specifikatament ghall-mezzi ohra li l-Qorti jidhrilha xieraq sabiex issir in-notifika. Qed jigi sottomess li, stante li r-rikors guramentat kien precedut b'mandat ta' impediment ta' partenza, certament il-konvenut appellant kellu jkun konxju tal-proceduri li kienu ser jittiehdu kontrih.

Din il-Qorti, ezaminati l-atti u partikolarment ir-riferti tal-ufficjali tal-Qorti hawn fuq riprodotti, wara li hadet konjizzjoni tal-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti, hija tal-fehema li ghalkemm huwa minnu li kien hemm problemi kbar sabiex issir in-notifika tal-bastiment in kwistjoni, kif jidher ampjament mir-riferti imsemmija, il-legislatur ried, bid-diversi provvedimenti kontenuti fl-Artikolu 187, jassikura li ma jkun hemm ebda dubbju dwar notifika ta' atti u proceduri legali. Ghal dan il-ghan l-ligi tipprovdi mezzi distinti meta titkellem fuq notifka ta' individwi residenti Malta, ta' persuni li jghixu abbord ta' bastiment, ta' korpi li ghandhom personalita` guridika, u finalment ta' bastimenti jew ingenji tal-bahar.

Huwa minnu li, f'certi cirkostanzi, il-ligi thalli fid-diskrezzjoni tal-gudikant biex jigi accertat li l-parti citata tkun giet notifikata bl-att intavolat kontra taghha. Dan pero` ma jfissirx li dik il-Qorti tista' titraskura dak li tipprovdi l-istess ligi ghan-notifika tal-parti konvenuta, sija jekk hija individwu, sija jekk korp b'personalita` guridika, sija jekk il-parti li tkun trid tigi notifikata tkun bastiment.

Fil-kaz ta' bastiment, ghalkemm jista` jigi mharrek minghajr rapprezentanza, huwa essenzjali li n-notifika ssir jew f'idejn il-kaptan, jew l-agent ta' dak il-bastiment jew fl-assenza ta' dawn il-persuni, f'idejn kuraturi li jinhatru appositament. Ma sar ebda tentattiv da parti tal-attur biex dawn il-persuni jigu notifikati u konsegwentement li-proviso ghall-istess subartikolu (7) tal-Artikolu 187 (li jaghti lill-Qorti l-fakolta` li tuza kull mezz iehor li jidhrilha xieraq) qatt ma seta' jiskatta. Dan l-aggravju ghalhekk jirrizulta gustifikat u konsegwentement id-dikjarazzjoni tal-kontumacja tal-bastiment konvenut ma kinitx gustifikata.

In vista tal-premess din il-Qorti ma tarax il-htiega li tikkunsidra t-tieni aggravju tal-konvenut billi, fi kwalunkwe kaz, gialadarba l-appel ser jigi milquh u l-atti sejrin jigu rinvijati lill-ewwel Qorti, il-partijiet ghandhom jibbenefikaw mill-beneficcju tad-*doppio ezame*.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-bastiment konvenut qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi revokata bl-ispejjez taz-zewg istanzi, fic-cirkostanzi, jinqasmu u jigu sopportati mill-kontendenti fi kwoti ugwali bejniethom.  Din il-Qorti ghalhekk tordna li l-atti ta' dawn il-proceduri jergaw jintbaghtu lura quddiem l-ewwel Qorti tramite r-Registratur, biex dik il-Qorti, wara li tikkoncedi terminu lill-konvenut ghall-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet, tiddeciedi l-kawza wara li tiehu konjizzjoni tat-talba u tal-eccezzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------